Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/224**

tat-8 ta' Frar 2017

li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali li jippermettu lis-servizz kummerċjali offrut mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo jissodisfa l-funzjoni prevista fl-Artikolu 2(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(ĠU L 34, 9.2.2017, p. 36)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/321 tat-2 ta' Marzu 2018	L 62	34	5.3.2018

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/224

tat-8 ta' Frar 2017

li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali li jippermettu lis-servizz kummerċjali offrut mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo jissodisfa l-funzjoni prevista fl-Artikolu 2(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali li jippermettu lis-servizz kummerċjali offrut mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo jissodisfa l-funzjoni prevista fl-Artikolu 2(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

ANNESS

Tekniċi u operazzjonali li jippermettu lis-servizz kummerċjali offrut mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo jissodisfa l-funzjoni prevista fl-Artikolu 2(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013

Is-servizz kummerċjali (minn hawn 'il quddiem is-"SK") joffri żewġ affarijiet ewlenin li huma aħjar minn dawk tas-servizz miftuħ (minn hawn 'il quddiem is-"SM"). Dawn huma l-preċiżjoni aktar għolja f'termini ta' ġeolokalizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem "preċiżjoni għolja SK") u l-kapaċità ta' awtentikazzjoni msaħħa (minn hawn 'il quddiem "awtentikazzjoni SM") li jistgħu jiġu offruti lill-utenti b'mod separat. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali korrispondenti huma stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

	Preċiżjoni għolja SK	Awtentikazzjoni SK	
		L-ispeċifikazzjonijiet komuni għas-SM u għas-SK: L-awtentikazzjoni tal-informazzjoni tal-ġeolokalizzazzjoni	L-ispeċifikazzjonijiet li jappartjenu biss għas-SK: L-awtentikazzjoni permezz ta' kodiċijiet kriptati
L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali	►**M1** Il-forniment ta' dejta ta' preċiżjoni għolja sabiex jinkiseb żball tal-pożizzjonament ta' inqas minn żewġ deċimetri f'kundizzjonijiet normali ta' użu ◄	Il-forniment ta' dejta ta' awtentikazzjoni tal-informazzjoni tal-ġeolokalizzazzjoni mis-SM, integrata fis-sinjali	L-awtentikazzjoni tas-sinjali permezz tal-aċċess għal kodiċijiet kriptati integrati fis-sinjali
Il-komponenti tas-sinjali użati	E6, il-komponent E6-B għall-forniment ta' dejta ta' preċiżjoni għolja	E1, il-komponent E1-B għad-dejta ta' awtentikazzjoni għall-informazzjoni tal-ġeolokalizzazzjoni	E6, il-komponent E6-B għad-dejta ta' aċċess għall-kodiċijiet kriptati u l-komponent E6-C (pilota)
L-ispeċifikazzjonijiet tas-segment tal-utenti	Il-preċiżjoni għolja tal-pożizzjonament miksuba permezz ta' algoritmi ta' pożizzjonament preċiż integrati fir-riċevitur u li jużaw id-dejta trażmessa fis-sinjali	Il-verifika tal-awtenticità tad-dejta permezz ta' protokoll ta' kriptografija asimmetrika trażmessa fis-sinjali u permezz ta' ċavetta kriptografika pubblika	Il-verifika tal-awtenticità tas-sinjali permezz tad-dekriptaġġ tal-kodiċijiet tas-sinjali kriptati permezz ta' ċavetta kriptografika privata
Il-kopertura ġeografika	Globali	Globali	Globali
L-arkitettura tas-sistema	Dejta ta' preċiżjoni għolja pprovduta minn fornitur ta' servizzi wieħed jew aktar, trażmessa lill-utenti permezz taċ-ċentru tas-servizzi GNSS (il-GSC), is-segment fuq l-art u s-satelliti konnessi mas-segment fuq l-art	Dejta tal-awtentikazzjoni inkorporata fil-kapaċità disponibbli tal-kamp EDBS tal-komponent tas-sinjal E1-B, u mxerrda permezz tas-satelliti konnessi mas-segment fuq l-art	Il-kriptaġġ tal-kodiċijiet tas-sinjali E6 mis-satelliti Galileo, it-trażmissjoni taċ-ċwievet privati ġġenerati mis-segment fuq l-art għal fornitur ta' servizzi wieħed jew aktar permezz taċ-ċentru tas-servizzi GNSS (il-GSC), u t-trażmissjoni tal-informazzjoni OTAR fil-komponent tas-sinjal E6-B
Il-forniment tas-servizz	Id-dejta ta' preċiżjoni għolja fornuta minn fornitur ta' servizzi wieħed jew aktar	Id-dejta tal-awtentikazzjoni fornuta mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo	Is-sinjali kriptati fornuti mill-persuna responsabbli għall-operazzjoni tas-sistema

▼B

	Preċiżjoni għolja SK	Awtentikazzjoni SK	
		L-ispeċifikazzjonijiet komuni għas-SM u għas-SK: L-awtentikazzjoni tal-informazzjoni tal-ġeolokalizzazzjoni	L-ispeċifikazzjonijiet li jappartjenu biss għas-SK: L-awtentikazzjoni permezz ta' kodiċijiet kriptati
L-aċċess għas-servizz	►**M1** — Aċċess bla ħlas ◄	— Aċċess bi ħlas għall-kodiċijiet ta' kriptaġġ skont il-politika tal-ipprezzar fis-seħħ, — Aċċess għall-kodiċijiet ta' kriptaġġ ikkontrollat minn fornitur ta' servizzi wieħed jew aktar bl-assistenza tal-persuna responsabbli għall-operazzjoni tas-sistema	
It-tnedija tas-servizz	— Il-fażi tal-ittestjar u tal-validazzjoni li għandha tiġi konkluża fl-2018 ►**M1** — Il-fażi tal-forniment tas-sinjali inizjali bejn l-2018 u l-2020 — Il-fażi tal-prestazzjoni sħiħa tas-servizzi mill-2020 ◄	— Il-fażi tal-ittestjar u tal-validazzjoni li għandha tiġi konkluża fl-2018 — Il-fażi tal-provvista tas-sinjali inizjali bejn l-2018 u l-2020 — Il-fażi tal-prestazzjoni sħiħa tas-servizzi mill-2020	— Il-fażi tal-ittestjar u tal-validazzjoni li għandha tiġi konkluża mhux aktar tard mill-2020 — Il-fażi tal-operazzjoni kummerċjali li għandha tibda eżatt wara
L-użu ta' informazzjoni klassifikata tal-UE	— L-IKUE ma tistax tintuża minn "Commercial Service Provider" jew mill-utent finali. Jekk, madankollu, dan l-użu huwa meħtieġ, dan għandu jkun deċiż f'konformità mar-regoli dwar is-sigurtà msemmija fl-Artikolu 17(a) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013	— L-IKUE ma tistax tintuża minn "Commercial Service Provider" jew mill-utent finali. Jekk, madankollu, dan l-użu huwa meħtieġ, dan għandu jkun deċiż f'konformità mar-regoli ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 17(a) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013	— L-IKUE ma tistax tintuża minn "Commercial Service Provider" jew mill-utent finali. Jekk, madankollu, dan l-użu huwa meħtieġ, dan għandu jkun deċiż f'konformità mar-regoli ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 17(a) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013
Speċifikazzjonijiet oħra	— Id-dejta ta' preċiżjoni għolja pprovduta għas-satelliti Galileo u possibbilment għas-satelliti ta' kostellazzjonijiet oħrajn	— It-trażmissjoni tad-dejta tal-awtentikazzjoni m'għandha twassal għall-ebda deterjorazzjoni tas-servizz miftuħ — Id-dejta ta' awtentikazzjoni għandha tiġi fornuta għas-satelliti Galileo u possibbilment għas-satelliti ta' kostellazzjonijiet oħrajn — L-utenti ta' OS jaċċettaw ir-riskji assoċjati mal-użu tad-dejta tal-awtentikazzjoni	m/a

L-akronimi

E1-B Il-kanal tad-dejta tas-sinjal fil-frekwenza E1 tas-sistema Galileo, fuq il-frekwenza 1 575,45 MHz

E6 Il-frekwenza E6 tas-sistema Galileo, fuq il-frekwenza 1 278,75 MHz

E6-B Il-komponent tas-sinjal E6, li jikkorrispondi għall-kanal tad-dejta

E6-C Il-komponent tas-sinjal E6, li jikkorrispondi għall-kanal pilota

▼B

EDBS	“External Data Broadcast Service”
GNSS	Is-Sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita
m/a	Mhux applikabbli
OTAR	“Over-The-Air Rekeying”